**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 151/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Delia**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Wayne Delia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 574785M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

i) Nhar it-8 ta' Dicembru 2018 għal ħabta ta 23:30hrs, f'CCF, inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' CO 143 Noel Buttigieg u CO 54 Martin Callus, inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9.
ii) Kif ukoll attaka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew ħebb u ikkaġuna ġriehi ħfief, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati CO 143 Noel Buttigieg u CO 54 Martin Callus skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu. 9

*In oltre*, il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba li f'kaz ta sejbien ta' ħtija tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96 u 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Wayne Delia ħati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu piena ta' għaxar xhur habs kif ukoll multa ta' ħames t'elef (€5,000) Ewro.

Rat ir-rikors tal-appellant, Wayne Delia, ppreżentat fil-25 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidum*, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' għaxar xhur priġunerija u ħames t'elef Ewro (€5,000) multa u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2021, fejn il-partijiet qablu li l-appell kellu jiġi differit għat-28 ta' Lulju 2021 limitatament sabiex issir trattazzjoni fuq l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata ssollevata mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni, limitatament fuq l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata ssollevata mill-appellant.

***Ikkunsidrat:***

Illi, l-appellant, preliminarjament jissolleva l-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, bl-ilment illi l-Ewwel Qorti fid-deċizjoni tagħha naqqset milli tindika dwar liema miż-żewġ imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu kienet qed issib ħtija u dan meta hekk iddecidiet:

> **"Għaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96 u 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Wayne Delia ħati <u>tal-imputazzjoni</u> miġjuba kontrih**

**u tikkundannah piena ta' għaxar xhur ħabs kif ukoll multa ta' ħames t'elef (€5,000) Ewro".** (sottolinjar tal-Qorti)

L-appellant jargumenta illi b'hekk m'huwiex ċar minn qari tal-parti deċiżorja tas-sentenza dwar liema miż-żewġ imputazzjonijiet kienet qed tinstab ħtija, liema nuqqas fil-fehma tiegħu iġġib in-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi l-elementi meħtieġa *ad validitatem* f'sentenza tal-Qorti huma elenkati fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'xi nuqqas f'waħda minnhom ikun biżżejjed sabiex iġġib magħha n-nullita' ta' dik is-sentenza u dan meta hemm hekk dispost:

> *Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat***[1].

Illi, din il-Qorti, mingħajr tlaqliq, tistqarr li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti mhijiex nieqsa mill-elementi ndikati f'din id-disposizzjoni tal-liġi, u r-referenza tal-Ewwel Qorti fid-*deċide* għall-"*imputazzjoni*" minflok "*imputazzjonijiet*" hija kjarament *lapsus calami*. Fil-fatt il-ħsieb ta'l-Ewwel Qorti li issib ħtija għaż-żewġ imputazzjonijiet addebitati lill-appellant jirriżulta ċar minn qari tal-paragrafu li jippreċedi l-parti deċiżorja fejn hemm hekk imfisser:–

> *... Il-Qorti għalhekk tqis li l-verzjoni mogħtija mill-parte ċivile magħdud mal-fatti u provi kollha mressqa kemm mill-prosekuzzjoni u d-difiza stess fil-preponderanza tal-provi prodotti huma verosimili u konsegwentement iħossha moralment konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilhom jipprovaw il-kaz tagħhom,* ***għal dawn l-imputazzjonijiet***[2]*, sal-grad rikjest f'proċeduri penali.*

Issa jekk l-Ewwel Qorti setatx issib ħtija għaż-żewġ imputazzjonijiet jew inkella għal xi waħda minnhom biss, hija kwistjoni li għandha tiġi indirizzata minn din il-Qorti meta tiġi biex titratta l-aggravji rimanenti imqanqla mill-appellant, iżda n-nuqqas ravviżat mill-appellant ma jista' qatt iwassal sabiex is-sentenza tiġi dikjarata nulla billi jirriżulta ben ċar dwar liema fatti l-appellant kien qed jinstab ħati, illi l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reati li dwarhom instabet il-ħtija ġew korrettement indikati fil-parti deċiżorja u finalment l-Ewwel Qorti għaddiet biex teroga dik il-piena li fid-

[1] Enfazi ta' din il-Qorti.
[2] Enfazi ta' din il-Qorti.

diskrezzjoni tagħha dehrilha li kienet idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ, biex b'hekk ġew sodisfatti id-dettami tal-artikolu 382 hawn fuq iċċitat. Fuq kollox:

> **"Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza."**[3]

Illi, ir-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi, kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull minn huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, dawn ir-rekwiżiti kollha ġew osservati sabiex din il-Qorti ma tista' tirravviza l-ebda nullita' hekk kif qed jikkontendi l-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravju ssollevat mill-appellant marbut man-nullita' tas-sentenza appellata, u tordna il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji rimanenti.**

Edwina Grima

Imħallef

[3] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit", Qorti tal-Appell Kriminali, 16/01/1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb", Qorti tal-Appell Kriminali, 08/05/2014.